# 56. Il-Mewt tas-Sieħba*

Żewġ agħsafar – melvizz u melvizza –
qed jittajru ġo masġar sabiħ;
waqt li jtiru ġos-siġar ferħana
jiġbru d-dud biex jitimgħu lill-frieħ.

Żewġ agħsafar, żewġ żgħażagħ ferħana,
kienu għamlu sew sew tliet bejtiet;
jaħdmu dejjem biex jieklu w jitimgħu,
waqt li jsoffu tal-ħajja l-ħlewwiet.

F'daqqa waħda jinstema' tir qawwi,
iċ-ċomb jimla lill-weraq bit-tajn;
il-melvizza tintlaqat f'sidirha,
taqa' mejta ġol-ilma tal-għajn.

Il-melvizz għalkemm b'qalbu maqsuma
kellu jdur lejn il-bejta waħdien;
xi jsir minnhom il-frieħ jekk jitlaqhom
hemm weħidhom ġol-weraq tal-ġnien?

U qagħad jibki sa nixfu l-kanali
ta' għajnejh, mingħajr għanja fuq fommu,
jibki w jitma tliet frieħ li ħadd minnhom
ma kien jifhem li tilef lil ommu.

** Bid-dejn ma' George Meredith. Din il-poeżija nkitbet Catania fl-24 ta' Jannar 1948 għall-mewt ta' marti li dak iż-żmien kienet għadha ma metitx imma li kellha tmut f'qasir żmien kif tassew mietet fis-16 ta' Diċembru 1948.*